MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Mejju, 2009

Appell Civili Numru. 1767/2005/1

**Amanda Mifsud**

**vs**

**Alex Lapira li kien ezercenti fil-kummerc taht l-isem Cut Coiffeur Royale u Cut Coiffeur Company Limited**

**Il-Qorti,**

Fit-2 ta' Gunju, 2008, it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> "It-Tribunal,
>
> Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-27 ta' Settembru, 2005 fejn gie eccepit illi l-attrici kienet impjegata mal-konvenuti u dana bhala hairdresser, illi ghandha dritt tithallas ta' l-overtime liema overtime, minkejja li talbet biex tithallas ghalih, il-konvenuti baqghu inadempjenti, illi l-ammont tal-

overtime dovut jammonta ghal elf mitejn erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm1244) u ghaldaqstant talbet bir-rispett illi l-konvenuti jigu kkundannati li jhallsu l-ammont ta' elf mitejn u erbgha u erbghin Liri Maltin (Lm1244), bl-ispejjes kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenuti tas-16 ta' April, 2007 fejn gie eccepit illi it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici billi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan principalment stante illi oltre s-salarju baziku hija kienet tithallas ukoll 'allowance' sabiex jaghmel tajjeb ghas-sieghat zejda li hi setghat taghmel, u inghatat ukoll jiem franki biex jikkompensaw ghall-hdud li hadmet, b'dan li l-attrici thallset dak kollu li seta` kien dovut lilha, u illi se mai l-procedura li kellha tigi applikata kienet tramite d-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi, izda jidher li l-attrici ma sabitx konfort ghat-talba nfondata taghha minn dan id-Dipartiment.

Ra d-dokumenti kollha esebiti u sema x-xhieda kollha prodotti.

Sema` t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet u ra illi l-kawza thalliet ghal-lum ghad-decizjoni.

Ikkunsidra :

Illi t-talba tal-attrici hija ghal kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsuha s-somma hemmhekk pretiza u rappresentanti over-time li hija haddmet fiz-zmien li damet impjegata tal-konvenuti.

Illi minn naha taghhom il-konvenuti ighidu illi l-konvenuta thallsat ghal kull over-time li setghet ghamlet peress illi mal-paga kienet tircievi allowance ghal kull siegha zejda li setghet haddmet, oltre` jiem franki biex jaghmlu tajjeb ghal Hdud u festi pubblici mahduma mill-attrici.

In sostenn tat-talba taghha, l-**attrici** xehdet (18.05.2007 u 04.07.2008) illi hija ma kelliex kuntratt tax-xoghol u l-hinijiet taghha kienu jvarjaw, u fil-hdax il-xahar li ghamlet impjegata, dejjem qabzet l-40 siegha fil-gimgha. Tghid illi l-ammont minnha riklamat huwa mahdum mill-Labour Office. Esebiet prospett DOK AM 1 u DOK AM2 u tghid illi DOK AM 2 jirrappresenta s-sieghat li kienet tahdem fil-Hdud u allura intitolata bir-rata doppja, filwaqt illi DOK AM 1 juri s-sieghat extra li haddmet fuq il-gimgha ta' 40 siegha.

Xehed **David Bajada** (3.12.2007, 30.01.2008) li spjega illi l-attrici kienet l-ewwel impjegata ta' Alex Lapira u sussegwentament meta giet iffurmata il-kumpannija konvenuta, kien hemm it-terminazzjoni ta' l-impjieg tal-attrici minn ma' l-istess Alex Lapira u l-bidu ta' l-impjieg mas-socjeta` konvenuta. Jghid illi l-attrici kienet impjegat *full-time* bis-salarju baziku taghha u kellha sebghin Liri Maltin (Lm70) fix-xahar allowance sabiex ikopru l-hinijiet zejda li tahdem matul ix-xahar. Oltre` dan commission fuq ix-xoghol taghha.

Esebixxa DOK DB 1 li hija dikjarazzjoni ta' Roberta Cassar (Nikki Dimech & Assoc. – CPA) u li tiddikjara illi bejn l-1 ta' Jannar 2004 u s-7 ta' Ottubru 2004, l-attrici irceviet hlas gross ta' Lm3526 li minnhom Lm2106 kien salarju gross, Lm136 bonuses statutorji u Lm1284 over-time allowance.

Esebixxa DOK DB 2 li hija l-FS3 ghall-perjodu 1.09.2004 sas-7.10.2004 ta' l-attrici u relattiv ghall-impjieg taghha mas-socjeta` konvenuta. Kellha tigi esebita l-FS3 relattiv ghall-impjieg tal-attrici mal-konvenut – izda din ma giet qatt esebita.

Esebixxa ukoll DOK SB 3 sa DB 21 li huma cekkijiet li bihom thallset l-attrici u li ighid illi juru xahar xahar xi thallset, zewg cekkijiet ghal kull

xahar – wiehed jirrappresenta l-paga piu` l-overtime allowance u l-iehor l-commission.

In kontro-ezami David Bajada ighid illi ma ghandux rendikont tas-sieghat li hadmet l-attrici u li s-Lm70 fix-xahar allowance ghall-over-time ikopri l-over-time kollu li impjegata tista` tahdem.

Jipprezenta rendikont tal-hlasijiet maghmula lill-attrici – DOK DB 4, li jkopru xahar xahar, il-paga, l-overtime allowance, il-commission u l-bonuses. Muri DOK DB 5 li huma l-payslips li rceviet l-attrici, David Bajada ighid illi fil-payslips l-overtime allowance hija kompriz fil-basic pay.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi mill-provi prodotti jidher pacifku jinghad, tajjeb jew hazin, illi l-ftehim bejn il-partijiet kien, anke jekk mhux in skritt, illi l-impjegata attrici jkollha paga bazika (minimum wage) u Lm70 fix-xahar allowance ghal kull overtime li tahdem kif ukoll *time off in lieu* ghal granet tal-Hdud jew festi pubblici – li l-attrici tghid kienet kostretta taccetta – izda li f'dan is-sens ma hemmx kontestazzjoni ghal dak il-ftehim.

Illi r-relazzjoni bejn il-kontendenti kienet definittavament wahda ta' impjieg. Jirrizulta ukoll illi l-attrici ghamlet zmien mill-11 il-xahar ta' impjieg, impjegata mal-konvenuta Alex Lapira u zmien iehor mill-istess 11 il-xahar, impjegata tas-socjeta` konvenuta u peress illi l-FS 3 relattiva ghall-ewwel impjieg baqghet ma gietx esebita, it-Tribunal jifhem illi l-impjieg inqaleb mas-socjeta` konvenuta fl-1 ta' Settembru 2004, kif jirrizulta minn DOK DB – 2.

Ikkunsidra ulterjorment :

Illi l-Artikolu 7 tal-KAP 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddisponi illi :

*Meta jdahhal mieghu mpjegat, il-principal ghandu jfehmu d-disposizzjonijiet ta' kull kondizzjoni maghrufa ta' impieg li tghodd fil-kaz tieghu u ghandu jaghti lill-impjegat dikjarazzjoni bil-miktub dwar dawk il-kondizzjonijiet kif jista' jigi preskritt.*

Illi ma jirrizultax illi dan sar u allura, anke ma jirrizultax lanqas illi l-attrici tablet ghal dan, jidher illi l-konvenuti naqqsu minn dan l-aspett. Inoltre` irid jinghad kif tidher illi sfortunament hija prattika komuni fid-dinja tax-xoghol f'Malta, fejn donnu ir-registrazzjoni ta' l-impjegat mal-ETC hija bizzejjed.

Illi l-Artikolu 18 ta' l-istess KAP jghid imbaghad illi :

*Ebda haga f'dan l-Att ma timpedixxi l-ghemil ta' xi kuntratt minn principal ma' impjegat sabiex jaghtih ikel, post ta' abitazzjoni jew allowances jew privileggi ohra minbarra f'forma ta' xorb spiritu\jew medicinali dannuzi, b'zieda ghall-inqas pagi preskritti b'ordni ta' standard nazzjonali jew ordni biex jirregola settur, jew ghal paga oghla stipulata, ghal hin normali u sahra, bhala rimunerazzjoni ghal servizzi ta' l-impjegat.*

Minn dan allura jirrizulta illi huwa pacifiku fil-ligi illi principal u impjegat jiftehmu illi ta' l-ewwel ihallas *allowance* b'zieda mal-paga li ma tkunx anqas minn dik minima, ghal kull over-time li ta' l-ahhar tkun qed tahdem.

Hija ghalhekk insostenibbli l-bazi li fuqha qed tivvanta l-pretensjonijiet taghha l-attrici – in kwantu jirrizulta mill-atti illi hija thallset is-somma ta' Lm70 fix-xahar bhala allowance ghal over-time li hija haddmet. Dan jirrizulta mhux kontestat mix-xhieda ta' David Bajada (3.12.07) meta qal – "*apparti l-paga bazika taghha, l-attrici kellha ukoll sebghin Liri Maltin fix-xahar allowance u li kienu jkopru l-hinijiet extra li kienet taghmel matul ix-xahar*". Jirrizulta ukoll car minn DOK DB – 4 esebit mill-

istess David Bajada, ukoll mhux kkontestat. Kull pretensjoni ulterjuri ghal dan hija ghalhekk insostenibbli u nfondata.

Allura, minkejja illi l-principal f'dan il-kaz, iz-zewg konvenuti, naqqsu mill-obbligi taghhom versu l-impjegata taghhom hawnhekk attrici, u dan peress illi ai termini ta' l-Artikolu 7 ma pprovdewx bil-miktub il-kundizzjonijiet tax-xoghol tagha, inkluz l-allowance ta' Lm70 fix-xahar biex jaghmel tajjeb ghal over-time minnha mahdum, b'dana kollu ghal 11 il-xahar shah ta' impjieg hija dawn rceviethom u t-Tribunal jista` jikkonkludi illi dan il-ftehim kien validu u minn naha taghha hija accettatu b'mod tacitu meta accettat il-hlasijiet.

Lanqas ma jirrizulta mill-provi minnha mressqa, illi f'xi hin jew iehor tul il-hdax il-xahar impjieg, ma lmentat jew ressqet xi talba ghal hlas ta l-over-time – u dan probabbli peress illi kienet taf illi kienet qed tigi kkumpensata ghalih bl-allowance lilha mhallas.

Tenut kont dawn ic-cirkostanzi kollha ghalhekk, jidher illi l-konvenuti ma naqqsux fil-konfront tal-attrici u bl-allowance minnhom mhallas ikkumpensaw skond il-ligi lill-attrici ghall-over-time minnha mahdum.

Ghaldaqstant, it-Tribunal, wara li qies ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-provi kollha prodotti u d-dokumenti kollha esebiti, ghar-ragunijiet u l-kunsiderazzjonijiet kollha hawn fuq maghmula, qed jghaddi sabiex fil-waqt illi jilqa` l-eccezzjonijiet tal-konvenuti, jichad it-talba attrici.

Bl-ispejjes kontra l-istess attrici."

L-appell ta' l-attrici fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza hu fis-sens illi t-Tribunal ghamel interpretazzjoni hazina tal-fatti u tal-ligi meta bbaza ruhu fuq il-konsiderazzjoni illi

kien hemm xi arrangament li hi tithallas somma fissa fix-xahar biex tkopri l-*overtime*;

Bhala fatti essenzjali jirrizulta mill-process illi l-attrici kienet impjegata bhala *hairdresser* mal-konvenuti bil-paga bazika ta' Lm53.90 fil-gimgha. Kuntratt tax-xoghol bil-miktub ma kellhiex pero`, skond David Bajada, rapprezentanti tas-socjeta` konvenuta, kien jezisti ftehim verbali fis-sens illi, oltre l-paga bazika u l-kummissjoni, l-attrici tithallas Lm70 fix-xahar bhala *allowance* biex tkopri l-*overtime*. L-attrici tikkontendi illi hi kienet intitolata ghas-somma minnha mitluba ghal *overtime* li hi ma thallsetx tieghu skond il-prospett minnha esebit a fol. 26. Il-konvenuti ma zammewx rekord ta' kemm sighat *overtime* hadmet l-attrici pero` jinsistu illi fil-perijodu li hadmet maghhom l-attrici riceviet is-somma ta' Lm1284 *f'overtime* (ara dokument a fol. 35) li kienet tithallas flimkien mac-*cheque* tal-paga. Skond l-imsemmi David Bajada (fol. 57) dan l-ammont jirrapprezenta s-Lm70 fix-xahar immultiplikati bin-numru ta' xhur (11 b'kollox) li l-attrici hadmet maghhom. Il-*payslips* ma kienux juru l-*overtime allowance* fissa li jinghad li kienet tithallas ghaliex, dejjem skond l-istess xhud (fol. 61), din kienet inkorporata bhala parti mill-*basic salary*;

Dan premess, sostanzjalment it-Tribunal iddetermina illi l-ftehim verbali kien validu u l-attrici accettatu, anke jekk b'mod tacitu. L-istess Tribunal irrileva wkoll illi matul il-perijodu li hadmet l-attrici ma ilmentatx u dan peress, skond il-fehma tat-Tribunal, illi hi kienet taf li qed tigi kkompensata ghall-*overtime* bl-*allowance* lilha mhallas. Il-Qorti ghandha tikkonsidra jekk l-interpretazzjoni akkordata mit-Tribunal lill-kuntratt tax-xoghol ta' l-attrici hix gusta u korretta;

Jibda biex jigi osservat illi ghalkemm it-Tribunal jirreferi ghall-Artikolu 7 ta' l-Att dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452), u jirraguna wkoll illi l-konvenuti naqsu meta ma ottemperawx ruhhom mieghu, xorta

wahda jafferma illi l-kuntratt b'dak il-ftehim verbali kien validu. In rigward, ghandu jinghad illi meta din in-norma tal-ligi espressament tipprovdi illi l-principal "ghandu jaghti lill-impjegat dikjarazzjoni bil-miktub dwar dawk il-kondizzjonijiet kif jista' jigi preskritt" dan taghmlu b'finalita` tat-tutela legali ta' l-impjegat biex dan mill-bidunett u b'mod predeterminat ikun xjenti mill-kundizzjonijiet maghrufin ta' l-impjieg tieghu kif fl-Artikolu 5 ta' l-Att stabbilit. Dan l-obbligu esplicitu tal-ligi fuq min ihaddem kellu jircievi applikazzjoni stretta in kwantu permezz tieghu l-impjegat ikun allert ghal dawk il-kundizzjonijiet li jiddixxiplinaw il-livell tar-retribuzzjonijiet li kellu jircievi u dawk l-elementi l-ohra tat-termini tax-xoghol tieghu bhal ma huma hinijiet normali tax-xoghol, hinijiet straordinarji, *leave*, *etcetra*. Jekk xejn, ghall-evitar ta' kontroversji 'l quddiem;

Meta kien ghadu jvigi l-Att tac-CERA (Kapitolu 135) qabel il-konsolidazzjoni tieghu bl-Att XXII ta' l-2002, kienet il-fehma gurisprudenzjali illi "*it is obvious that the law in general seeks to regulate conditions of employment in respect of both employer and employee; but it is equally obvious from various parts of the Act itself that the law is primarily concerned with the protection of employees*" ("**Sylvia Falla -vs- Ernest Jennings *nomine***", Appell Kummercjali, 14 ta' April, 1969). Din il-qaghda mhux biss ma tbiddletx talli hu wisq evidenti illi l-harsien tad-drittijiet ta' l-impjegat kompla jigi assodat taht l-influwenza tad-Direttivi Komunitarji;

Minn aspett iehor, l-esigenza tal-ligi fl-Artikolu 7 takkwista valur akbar mir-riflessjoni li tinzel mill-Artikolu 42 ta' l-Att li jipprovdi li l-kundizzjoniiet ta' impjieg li jigu miftehma bejn principal u impjegat ma jridux ikunu anqas favorevoli ghall-impjegat minn dawk specifikati fl-Att jew fir-regolamenti maghmulin tahtu. L-importanza ta' dan il-provvediment hi ovvja. Permezz tieghu l-legislatur irid illi d-dixxiplina legali jew regolamentari tal-kundizzjonijiet tax-xoghol titqieghed f'gerarkija superjuri ghal dawk tal-kuntratt privat fl-awtonomija tieghu. Anke minn dan il-

profil l-interpretazzjoni tat-Tribunal tidher pjuttost azzardata in kwantu tmur kontra l-ispirtu tal-ligi. Almenu din il-Qorti ma tistax leggerment taccetta l-osservazzjoni tat-Tribunal illi ghax l-attrici-impjegata accettat il-hlasijiet jew ma ilmentatx fil-kors ta' l-impjieg kellu ta' bilfors ikun indott illi, kontra l-interessi taghha, din accettat *nolens volens* il-kundizzjonijiet verbali li l-konvenuti jaffermaw li kienu vigenti;

In generali, id-diversi regolamenti maghmula bis-sahha ta' l-Att principali jipprovdu dwar hinijiet tax-xoghol, perijodi ta' mistrieh u tal-*leave*, dwar rati ta' kalkolu ghar-retribuzzjoni tas-sahra u aspetti ohra ancillari. Tenut rigward ta' dak provvdut fl-Artikolu 42 surreferit ta' l-Att, jekk il-kuntrattazzjoni ma tkunx aktar favorevoli ghall-impjegat minn dawk tal-kundizzjonijiet specifikati fl-Att innifsu jew fid-diversi regolamenti tahtu din ma ghandhiex tircievi ezekuzzjoni fuq il-bazi li *pacta sunt servanda*. Li jfisser allura fil-fattispeci illi fejn, bhal f'dan il-kaz, il-kontrattazzjoni tkun tirreferi ghal somma fissa ghall-iskop tal-kumpens tas-sahra din ghandha tigi kunsidrata daqs li kieku ma saretx in kwantu, salv ghal xi kontingenza specjali li hawnhekk ma gietx dedotta, kuntrarja ghan-normi imperattivi tal-ligi jew tar-regolamenti. Li jfisser ukoll illi dak akkordat jrid jigi sostitwit *di diritto* bil-provvedimenti tal-ligi jew tar-regolamenti. Inghad fid-decizjoni fl-ismijiet "**Carmel Cini -vs- Dr. Vincent Falzon *et***", Appell, 27 ta' Marzu, 1998, "anke kieku ghall-grazzja ta' l-argument kien hemm xi dubju fl-interpretazzjoni, tali dubbju ghandu jmur favur il-haddiem li ghandu dritt jesigi l-applikazzjoni tal-principju li kull min jahdem kien intitolat ghal kumpens ghax-xoghol tieghu. *Omnia labor optat premium*";

Accettat mill-partijiet illi l-attrici appellanti effettivament hadmet ghal hinijiet eccedenti l-orarju normali kif mill-Avviz Legali 247/2003 prevvist, liema hinijiet ma kienux fissi u kienu jvarjaw, il-kumpens relattiv dwarhom ma kellux ikun dak tar-rata fissa determinata mill-konvenuti appellati u accettata mit-tribunal izda dik korrispondenti

ghar-rata tas-sighat straordinarji prestati mill-appellanti kif ikkalkolat fil-prospett a fol. 26 tal-process;

Naturalment, il-Qorti tifhem illi dan il-prospett hu bazat fuq l-ammont totali ta' sighat li l-attrici tallega li hadmet bhala sahra. Tifhem ukoll illi fil-kors ta' l-impjieg l-attrici rceviet ukoll hlasijiet perijodici ghall-*overtime* ghaliex hi stess tghid f'para. 2 ta' l-appell taghha illi xi *overtime* thallset "pero` kien baqa' xi *overtime* li kellha tithallas". Mill-ezami tad-dokumenti esebiti, anke ghaliex kull hlas ta' *overtime* kien haga wahda ma' dak tal-paga bazika, il-Qorti mhix f'qaghda li tistabilixxi x'ammont l-attrici effettivament riceviet ghal dak ix-xoghol straordinarju taghha. Ikollha ghalhekk taqa' fuq ir-regola tal-gudizzju ekwitativ li jippreskrivi l-Artikolu 7 (1) tal-Kapitolu 380 billi *ex aqeuo et bono* tiffissa s-somma bilancjali ghall-*overtime* spettanti lill-attrici ghal sitt mija tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm622), ossija, elf erba' mija tmienja u erbghin euro, sebgha u tmenin centezmu (€1448.87).

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddisponi mill-appell billi tilqa' l-istess b'dan illi bl-applikazzjoni tal-gudizzju ekwitativ qed tirreduci l-ammont minn kif mitlub ghas-somma ta' sitt mija tnejn u ghoxrin lira Maltija (Lm622), ossija, elf erba' mija tmienja u erbghin euro, sebgha u tmenin centezmu (€1448.87). L-ispejjez taz-zewg istanzi jitbatew bin-nofs bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------